

**Talbiet**

- tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tat-12 ta' Jannar 2011 fil-Każ R 785/2010-1; u
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Trade mark Komunitarja rreġistrata li hija s-suġġett tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità: it-trade mark tridimensionsjali li tirrapreżenta "flixkun", għal prodotti fil-klassijiet 32 u 33 — Reġistrazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 3156163*

*Proprietarju tat-trade mark Komunitarja: ir-rikorrenti*

*Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell*

*Motivazzjoni tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità: il-parti li qeda titlob dikjarazzoni ta' invalidità bbażat l-applikażżjoni tagħha fuq raġunijiet assoluti għal rifjut skont l-Artikolu 52(1)(a) flim-kien mal-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, u li l-proprietarju tat-trade mark Komunitarja aġixxa in mala fede meta ppreżenta l-applikażżjoni skont l-Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009.*

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni: talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità rrifjutata*

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: ir-reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja ddikjarata invalida*

*Motivi invokati: ksur tal-Artikoli 75, 99 u 7(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, kif ukoll ksur tar-Regola 37(b)(iv) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2868/95, peress li l-Bord tal-Appell żbalja (i) fil-motivazzjoni tiegħi billi bbażaha fuq rekwiżit ġdid għall-istabbiliment ta' validità ta' trade marks tridimensionsjali, li fuqha r-rikorrenti ma kellhiex l-opportunità tippreżenta l-kummenti ta' tagħha; (ii) billi ċċaqlaq l-oneru tal-prova bi ksur tal-prinċipji tas-smiġi xieraq; (iii) billi interpreta ħażin u applika b'mod żbaljat l-Artikolu 7(1)(b) tar-RTMK; u (iv) billi għawweġ il-fatti b'mod serju sabiex jasal għal konklużjoni żbaljata.*

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Manuell Jacinto, Lda (S. Paio de Oleiros, il-Portugall)*

**Talbiet**

*Ir-rikorrenti titlob lill-Qorti Ġenerali jogħġogħa:*

- tissospendi l-proċeduri sakemm tingħata d-deċiżjoni finali tal-Uffiċċju Portugiż għat-Trade marks dwar talba għal revoka mressqa mir-rikorrenti kontra t-trade mark Portugiż preċedenti bir-reġistrazzjoni Nru 384674 fit-23 ta' Marzu 2011;
- fkaż li t-talba għas-sospensjoni tal-proċeduri ma tintlaqx, tkompli bil-proċeduri u;
- tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tal-20 ta' Jannar 2011, fil-Każ R 494/2010-1; u
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż, inklużi dawk tal-appell.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Applikanti għat-trade mark Komunitarja: Ir-rikorrenti*

*Trade mark Komunitarja kkonċernata: It-trade mark figurattiva "My Little Bear", bil-kuluri kennella, iswed, aħmar u abjad, għal prodotti fil-klassijiet 12, 18, 20, 24, 25 u 28 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru W00962622*

*Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell*

*Trade mark jew sinjal invokat: It-trade mark figurattiva Portugiż Nru 384674, "My Little Bear", għal prodotti fil-klassi 18.*

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: Applikazzjoni miċħuda għall-prodotti kkontestati kollha*

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: Appell miċħud*

*Motivi invokati: Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, peress li l-Bord tal-Appell assumma b'mod żbaljat li jkun hemm probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade mark li għaliha saret l-applikażżjoni u t-trade mark opposta, minħabba l-fatt li l-elementi verbali jkunu elementi dominanti fit-trade marks kumplessi.*

**Rikors ippreżentat fit-28 ta' Marzu 2011 — MIP Metro vs UASI — Jacinto (My Little Bear)**

**(Kawża T-183/11)**

(2011/C 145/62)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: MIP Metro Group Intellectual Property GmbH & Co. KG (Düsseldorf, il-Ġermanja) (rappreżentanti: J.-C. Plate u R. Kaase, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

**Rikors ippreżentat fis-26 ta' Marzu 2011 — Schönberger vs Il-Parlament**

**(Kawża T-186/11)**

(2011/C 145/63)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrent: Peter Schönberger (Lussemburgo, il-Lussemburgo) (rappreżentant: O. Mader, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew